MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 80/1997/2

Michael u Maria Victoria konjugi Said u b'digriet tal-29 ta' Awissu, 2000 Maria Victoria Said tnehhiet mill-okkju tar-rikors
vs
Chairman, Malta Development Corporation u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom il-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni u Kultura u b' digriet tad-29 ta' Awissu 2000 giet korretta ghal Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Ministru responsabbli mill-Industrija u b'digriet tad-29 ta' Awissu, 2000 gie korrett ghal Ministru tas-Servizzi Ekonomici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fil-perjodu mis-26 ta' Mejju 1993 sal-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent Michael Said kien, kif ghadu impjegat bhala watchman u

bhala tali kellu d-dritt li jkun jahdem bix-shift kif suppost li l-watchman jahdmu.

Illi r-rikorrent kien sofra wkoll ingustizzja ohra billi hu kien applika fl-4 ta' Dicembru 1985 ghal bicca raba' mill-MDC halli jkun jista' jibni workshop ta' mastrudaxxa li fih ikun jista' jezercita s-sengha tieghu ta' mastrudaxxa u ghalkemm ircieva l-letter of intent permezz ta' ittra mhix datata imma li hu rcieva fis-16 ta' Mejju 1987 hu sal-lum ghadu ma giex moghti dan ir-raba.

Illi l-Malta Development Corporation baghtitlu l-letter of intent u kif mitlub pogga anke d-deposit ta' Lm69 mitluba. Dok A.

Illi minn l-1987 sal-1990 hu baqa' ma rcieva l-ebda risposta dwar l-applikazzjoni tieghu. Kien biss fil-25 ta' Jannar 1990 li huwa rcieva ittra minghand il-Malta Development Corporation li biha gie mistoqsi jekk ghadux interessat biex jekk ma ghadux jintbaghat lura d-depositi. Dok B.

Illi r-rikorrent permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 1990 b'risposta ghall-ittra tal-25 ta' Jannar 1990 hu rrisponda li ghadu interessat - Dok C.

Illi ghaddew xhur u l-affari baqghet "under consideration" pero` sussegwentement rega' rcieva "letter of intent" gdida fejn tawh area ikbar minn dik ta' qabel u talbuh ihallas id-differenza minn Lm69 ghal Lm75.50. Din l-ahhar "letter of intent" kienet iggib id-data tas-6 ta' Lulju 1994 - Dok D.

Illi ghaddew hafna xhur li fihom ma sema' xejn aktar minghand tal-Malta Development Corporation u dsatax-il xahar mill-ahhar komunikazzjoni taghhom ircieva ittra datata 28 ta' Frar 1996 li fiha qalulu li l-Corporation kienet qieghda tiddiskuti mal-Planning Authority il-"planned development" tas-sit u nfurmawh li c-cekkijiet li kien baghtilhom ma ghadhomx tajbin ghax huma naqsu li jsarfuhom filwaqt u talbuh biex jibghatilhom cekk ta'

Lm75.50 u li jekk ma jibghatilhomx il-flus jassumu li ma ghadx ghad ghandu bzonn il-plot. Dok E.

Illi r-rikorrent permezz tal-Avukat Anton Refalo baghtilhom cheque ta’ Lm75.50 li hi l-kera’ ta’ sena ta’ l-art (Dok F u G) u li rcieva mill-Malta Development Corporation ricevuta Dok H.

Illi ghaddew hames xhur u rcieva ittra mill-Malta Development Corporation bid-data tal-20 ta’ Awissu 1966 fejn qalulu li billi kien naqas li jibghat id-depositu mitlub, il-Korporazzjoni ddecidiet li tirtira l-letter of intent b’effett immedjat Dok I.
Illi r-rikorrent bla telf ta’ zmien ippassja ittra lill-Malta Development Corporation u nfurmahom li hu ghandu l-ircevuta minn ghandhom tal-Lm75.50 li kienu talbuh.

Illi b’ittra datata 6 ta’ Settembru 1996 il-General Manager tal-Malta Development Corporation ammetta l-izball peress illi skond hu, l-ittra flimkien mal-flus li baghat fit-2 ta’ Marzu 1996 giet misplaced u talbu jinjora l-ittra taghhom tal-20 ta’ Awissu 1996 Dok J.

Illi wkoll ir-rikorrent ra li mieghu saret diskriminazzjoni billi ohrajn li applikaw warajh gew moghtija l-plot li talbu u ilhom issetiljati jahdmu s-snin filwaqt li huwa ghalkemm li ilu applikat ‘il fuq minn disa’ snin, sa llum ghadu bla ebda risposta.

Illi ta’ dan it-telfien ta’ zmien ir-rikorrent deherlu li ghandu jkollu rikumpens.

Illi kif intqal fuq, ir-rikorrent sofra ingustizzja ohra billi gie diskriminat fix-xoghol tieghu mal-Gvern.

Illi ghar-rigward l-ewwel aggravju tieghu, ir-rikorrenti jissottometti dan li gej:

Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Gvern bhala “Watchman” fl-1 ta’ April 1987 u kien allokat mac-centru Hidma Socjali.

Illli f'dan id-Dipartiment kien jahdem bix-shift haga li tfisser li kien jahdem ukoll il-Hdud li taghhom kellu double pay.
Illi hu dam jahdem fic-Centru Hidma Socjali sal-25 ta' Novembru 1993 meta gie ttrasferit ghal ma' l-Education Department (Gozo).

Illi hawnhekk ir-rikorrent sofra diskriminazzjoni billi hu ma ddahhalx jahdem bhala watchman flok il-watchman li kien hareg bl-eta`; illi minflok, post dan li hareg gie mimli minn haddiem li l-grad tieghu kien ta' 'General Hand' jigifieri Anthony Bajada kif jidher fid-Dok K1 u allura r-rikorrent gie mcahhad milli jahdem il-Hdud u l-festi b'konsegwenza li sofra telf finanzjarju sostanzjali - Dok K, K1 u L.

Illi r-rikorrent irrileva li z-zewg persuni l-ohra li jidhru fit-Transfer List immarkata Dok M ma kellhomx il-grad ta' watchman imma kienu fi grad A izda nghataw xoghol ta' watchman mill-amministrazzjoni precedenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li jirriservaw li ser igibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dawn l-ilmenti taghhom skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi; kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti talbu li r-rikorrent jigi kumpensat kif jixraq mill-Malta Development Corporation ghad-dewmien li hadu biex jallokawlu s-sit biex jibni l-workshop tieghu meta lil haddiehor li applika warajh allokawlu u li wkoll jigi rikompensat ta' dawk il-Hdud li suppost hadem hu bhala "Watchman" u li gew allokati lil haddiehor li ma kienx watchman u dan billi jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dan taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjes kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent u dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimati Malta Development Corporation u l-Ministru responsabbli mill-Industrija li eccepew:

1. Illi l-Ministru responsabbli mill-Industrija ecepixxa li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li kwantu ghal dak li jirrigwardja l-materja li tifforma parti mill-meritu ta' din il-kawza u cioe` l-allokazzjoni ta' art ghal skop industrijali, l-Malta Development Corporation li hija korp guridiku mwaqqaf b'ligi, topera awtonomament u mhiex suggetta ghall-ebda direttiva ministerjali.

2. Illi l-intimat Chairman tal-Malta Development Corporation eccepixxa kwantu ghall-ilment tar-rikorrent li jirrigwardja l-allokazzjoni ta' bicca art biex tigi zviluppata ghal skop industrijali, illi l-art li giet allokata lir-rikorrent u cioe` plots 20 u 21, Xewkija Industrial Estate, Xewkija giet iffrizata mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar bhala *buffer zone* bejn iz-zona residenzjali u l-Qasam Industrijali tax-Xewkija.

3. Illi inoltre l-istess ittra ta' allokazzjoni (Dok D) taghmilha cara li l-allokazzjoni hija soggetta ghall-kundizzjoni tal-hrug tal-permessi tal-bini relattivi. Il-fatt li l-art in kwistjoni giet iffrizata mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar jezimi lil Malta Development Corporation minn kull responsabbilta` ghad-dewmien li minnu qed jilmenta r-rikorrent.

4. Illi inoltre minhabba d-diffikultajiet ezistenti li ghandu mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar (Dok AA) l-intimat mhuwiex f'qaghda li joffri bicca art alternattiva lir-rikorrent u dan stante li fl-allokazzjoni ta' plots godda meta jkunu disponibbli u released mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, se tinghata prijorita` lil *bona fide tradesmen* li jahdmu *full-time* u mhux *part-time* bhar-rikorrent.

5. Illi l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma garrab ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew li nghatat bi hsara ghalih fuq xi wahda mill-materji elenkati fis-Subartiolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII tal-1997.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Korporazzjoni intimata ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti esebiti.

Ra r-risposta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti qed jilmentaw fuq zewg kazijiet, wiehed li jirrigwarda l-overtime li jippretendi Michael Said bhala impjegat mal-Education Department ta’ Ghawdex u l-iehor jirrigwarda lment li huwa ghandu kontra l-Malta Development Corporation fuq plot.

It-tieni lment ma jirrigwardax lill-intimat u ghandu jigi liberat fil-konfront ta’ l-istess.

Illi fir-rigward tal-ilment ta’ Michael Said dwar dak li qed jippretendi fir-rigward ta’ overtime, l-intimat issottometta illi ma giet kommessa ebda ingustizzja fil-konfront tieghu stante illi hija policy stabbilita tad-Dipartiment li “reliever watchmen” bhal ma kien l-istess Michael Said, impjegati mad-Dipartiment ta’ Edukazzjoni ma jircievux “extra allowances” ghall-attendenza fil-Hdud u di fatti r-reliever watchmen kollha m’humiex imhallsin “extra allowances” meta jigu mitluba jattendu ghal xoghol nhar ta’ Hadd.

Illi l-intimat agixxa fil-konfront ta’ Michael Said bl-istess mod kif jagixxi mar-“reliever watchmen” kollha.

Illi fir-rigward tal-kumment ta’ l-istess Michael Said relattiv ghat-transfer tieghu meta gie trasferit mic-Centru Hidma Socjali ghal mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, l-intimat laqa’ lil Michael Said fid-Dipartiment tieghu u jekk saret xi ingustizzja mieghu minhabba dan it-transfer certament ma jahtiex id-Dipartiment intimat.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Michael Said xehed illi jikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li fl-1985 kien applika bicca art biex jahdem ghal rasu ta' mastrudaxxa. Dak iz-zmien hu kien qed jirregistra u xtaqt li jiftah bhala mastrudaxxa bhala self-employed. Fl-1987 kien ircieva ittra minghand l-MDC fejn qalulu li din l-art kienet ser tinghatalu. Kienu qalulu illi l-kera trid tammonta ghal disa' u sittin lira. Hu kien baghat dan ic-cekk izda l-art fil-fatt ma waslet qatt ghalkemm darba minnhom kienu qalulu li l-art trid titla' ghal hamsa u sebghin lira kera. Hu qatt ma rrinunzja ghall-art. Semma li l-bicca art li originarjament kienet assenjata lilu, wara nghatat lil Axiaq Brothers u din l-istess Kumpanija, maghha nghatat xi tlett bicciet art ohra. Din l-art kienet tmiss ma' l-art ta' Mario Mifsud. Faccata ta' din l-art li ha Mario Mifsud kien hemm ukoll raba iehor li nghatat lil Kumpanija Ellis.

Semma li fl-1993 kien jahdem mac-Centru Hidma Socjali bhala watchman. Wara kienet ittiehdet decizjoni li huma l-erba' li kienu jahdmu ta' watchman idahhluhom jahdmu bil-gurnata. Ix-xoghol taghhom kien li jiehdu hsieb bini fejn kienu jinzammu familji fejn ma kellhomx fejn joqoghdu. Id-decizjoni li effettivament jahdmu bil-gurnata kienet ittiehdet ghax kienu qalu li xoghol izjed ma kienx hemm. Kien sar xi ftehim mal-Knisja u parti mic-centru kienu haduh Ghajnsielem. Lilhom haduhom bil-gurnata ghax ma kienx hemm wisa' ghalihom. Sostna li minn dawn l-erba' hu biss kellu l-grad ta' watchman. Semma li t-tlieta l-ohra ghalkemm ma kellhomx il-grad ta' watchman intbaghtu jahdmu f'Dipartimenti ohra bhala watchmen, mentri hu li kellu l-grad ta' watchman ma nbaghtax jaghmel dan ix-xoghol ghax intbaghat jaghmel xoghol ta' reliever mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Bhala reliever hu qatt ma kellu c-cans li jidhol jahdem is-Sibt jew il-Hadd. Hu baqa' jaghmel dan ix-xoghol sal-lum ghalkemm gieli kien hemm postijiet ohra ta' watchman mal-Gvern li tbattlu. Minhabba dan hu sostna li tilef cirka erbghin lira fix-xahar.

Semma li meta kien ircieva l-letter of intent tal-Malta Development Corporation dwar l-art, kien ilu li dahal xi gimgha mal-Gvern. Il-letter of intent ma kenitxx indikat liema bicca art kienet ser tinghata lilu izda hu kien assuma li kien se jiehu wahda mill-artijiet li kienu jidhru fis-site plan li wrewh mill-MDC.

Fil-kontro-ezami, ir-rikorrent qabel li l-MDC l-ewwel darba li kkommettiet ruhha li tghaddilu bicca art partikolari kien fil-letter of intent li harget fl-1994. Kien f'din l-okkazzjoni, l-ewwel darba li MDC baghtitlu site plan. Wara l-letter of intent tal-1994, hu kien baghat ic-cekk permezz ta' l-avukat tieghu Dr Anton Refalo u hu kien ircieva acknowledgement li rcievew ic-cekk. In segwitu, hu kien ircieva ittra fejn qalulu li tilef l-art peress li ma baghatx ic-cekk izda wara din giet retifikata.

Xehed Horace Mercieca li kien Education Officer li semma li meta r-rikorrent kien mar mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, qabel gie trasferit mic-Centru Hidma Socjali, kull skola gja kellha watchman u kien hemm numru ta' releavers u ghalhekk ir-rikorrent seta' biss jitpogga l-ahhar fil-lista tar-releavers. Dawk kollha li gew wara r-rikorrent hadd ma qabez lir-rikorrent.

Xehed Robert Muscat li proprjament hu Customs Inspector pero`, qieghed on loan mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni inkarigat mit-Trasport u l-Watchmen. Dan semma li mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, fil-grad ta' watchmen bhar-rikorrent, xi tlieta jew erba' biss hemm izda b'kollox hemm xi 45 persuna jaghmlu xoghol ta' watchmen mad-Dipartiment. Ir-rikorrent kien mar mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni mic-Centru Hidma Socjali. Kull min hu posted bhala watchman gewwa skola jithallas tal-Hdud kollha ghaliex jahdimhom kollha. Dawn dejjem ghandhom xi erbghin lira iktar fix-xahar mir-relievers.

L-ewwel darba li r-rikorrent kien mar jaghmel xoghol ta' watchman u mhux ta' reliever kien fl-1996 meta inbidlet l-Amministrazzjoni. Ikkonferma li sal-1996 minn meta kien

mar maghhom ir-rikorrent, kien hemm vakanzi ghal watchcmen u kulhadd gie ppustjat minbarra r-rikorrent.

Xehed Lawrence Galea Education Officer mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni f’Ghawdex. Semma li mill-file personali tar-rikorrent jirrizulta li qabel kien jahdem mac-Centru Hidma Socjali hu wara gie trasferit mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Mill-file rrizulta li r-rikorrent u tlett watchmen ohra, erba’ b’kollox, minhabba xi strutturi godda fic-Centru, ma kienx baqa’ bzonnhom u gew ippustjati f’Dipartimenti ohrajn, ghalhekk ir-rikorrent gie ippustjat mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Huma gew ikkunsidrati bhala watchmen bl-approval minn Kastilja fis-26 ta’ Novembru 1993 ghat-trasferiment. Fil-file m’hemm l-ebda indikazzjoni tal-gradi ta’ dawn in-nies izda Fredrick Azzopardi kien sejhilhom watchmen. U anki minn Kastilja, l-approvazzjoni hekk saret ukoll.

Gie pprezentat l-affidavit ta’ Emanuel Galea li hu anke Manager ta’ l-Ufficcju tal-MDC f’Ghawdex. Dan semma li mill-files tal-MDC jirrizulta li fl-1987 l-MDC kienet harget a favur tar-rikorrent letter of intent, fejn fost affarijiet ohra, ir-rikorrent inghata bhala assistenza il-koncessjoni enfitewtika ghal perjodu ta’ hamsin sena fuq porzjon ta’ art tal-kejl ta’ cirka 300 metru kwadri fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija bic-cens annwali ta’ 23 centezmu kull metru kwadru, revedibbli kull 25 sena. Kienu hargu diversi letters of intents u din kienet wahda minnhom. Din ma kenitx tiddentifika s-sit fejn kellu jkun ezattament u kienet soggetta ghal diversi kundizzjonijiet, fosthom li r-rikorrent ihaddem hames persuni fi zmien sentejn minn meta jitlesta x-xoghol ta’ bini fuq is-sit.

Sussegwentement, permezz ta’ letter of intent datata 6 ta’ Lulju 1994, l-MDC identifikat zewg plots 20 u 21 Xewkija Industrial Estate, Xewkija biex jinghataw lir-rikorrent b’titolu ta’ cens temporanju ghal 65 sena. Din l-allokazzjoni kienet suggetta wkoll ghall-hrug tal-permessi tal-bini mill-Awtoritajiet kompetenti.

Sussegwentement, l-art imsemmija kienet giet iffrizata mill-Awtorita` tal-Ippjanar bhala *buffer zone* bejn iz-zona

residenzjali u l-Qasam Industrijali tax-Xewkija. Ir-rikorrent ma setax jibni dawn il-plots minhabba din id-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u mhux minhabba xi nuqqas da parti tal-MDC.

Minhabba d-diffikultajiet u problemi li kellha mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, l-MDC ma kenitx f'posizzjoni li toffri bicca art ohra f'sit iehor u dan peress li kwantu ghal plots godda meta jkunu disponibbli u released mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, kellha tinghata prijorita` lil *bona fede tradesmen* li jahdmu full time u mhux part time bhar-rikorrent. Fil-fatt fil-bidu tal-1998 il-Bord tad-diretturi ifformalizza din il-policy u esebixxa kopja taghha bhala dokument D.

Hu semma li indikazzjoni ohra li Michael Said ma kienx *bona fede tradesmen* tohrog minn ittra datata 16 ta' Lulju 1987 ta' l-Avukat Dr Anton Refalo li kopja taghha giet esebita bhala Dokument E, minn liema ittra l-Avukat Refalo ried jidhol bin-nofs ma' Said u jiehu sehem nofs indirizz fuq ismu mill-art li kellha tigi koncessa b'enfitewsi temporanja mill-MDC a favur ta' Michael Said.

Gie pprezentat affidavit ta' <u>Dr Wenzu Mintoff</u> Senior Legal Advisor mal-Malta Development Corporation li semma li hu kien prova jesplora l-possibilta` ta' transazzjoni minhabba li r-rikorrent kien qed juri li qed jikkonforma mal-policy tal-MDC fir-rigward ta' *bona fede tradesmen* full time. Ghalhekk kien kellem lil General Manager ta' dak iz-zmien Dr Michael Xuereb li kien qabel li tintbghat draft letter of intent lil Dr Refalo fejn l-MDC kienet qed tipproponi li talloka lir-rikorrent sit iehor u cioe` plot XQ8, Xewkija Industrial Estate, Xewkija bil-kundizzjoni li r-rikorrent fi zmien xahrejn minn meta jitlesta x-xoghol ta' kostruzzjoni fuq is-sit ma jibqax aktar impjegat mal-Gvern biex ikun jista' jahdem ta' full time *bona fede tradesmen* fis-sit enfitewtiku. Ir-rikorrent izda kien oggezzjona ghal din il-kundizzjoni u konsegwentement il-possibilta` ta' tranzazzjoni giet skartata.

**KONKLUZJONIJIET:**

Li sfortunatament din il-kawza twalet kif ukoll ikkumplikat ruhha minhabba illi titratta zewg ilmenti totalment separati

u distinti minn xulxin. It-Tribunal accetta li jitratta fl-istess kawza sempliciment ghar-raguni illi dan huwa Tribunal u certu formalitajiet huma trattati b'mod aktar legger. L-ewwel aspett ta' l-ilment tar-rikorent hu illi meta hu fl-1993 spicca trasferit mic-Centru Hidma Socjali ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, hu ma nghatax l-opportunita` li jahdem il-Hdud u li jinghata x-shift allowance ta' dawn il-Hdud u l-Festi u b'hekk tilef ma' l-erbghin lira fix-xahar. Ma jidhirx tant car il-hatra tar-rikorrent, izda minn hafna ittri u dokumenti li hemm jidher li proprjament hu kien wiehed minn ftit illi effettivament kienu verament watchmen u kien hemm diversi nies ohra li ma kienux watchmen u li dawn gew moghtija preferenza ghalih. Kawza ta' dan, ir-rikorrent tilef il-possibilta` li jdahhal ma l-erbghin lira fix-xahar ghal numru ta' snin.

Jirrizulta wkoll li din l-attitudni kienet saret b'mod ta' ingustizzja fil-konfront tieghu kif specifikat fil-Kapitolu 394 u li ghalhekk ir-rikorrent bata finanzjarjament u minhabba din ir-raguni r-rikorrent tilef il-flus. Izda meta wiehed jezamina sewwa l-konvenut ossija l-intimati f'din il-kawza, wiehed jirrejalizza li certament l-Malta Development Corporation ma kellha xejn x'taqsam ma' dan. Bl-istess mod il-Ministru responsabbli ghall-Industrija u l-Ministru ghas-Servizzi Ekonomici. Ghalhekk l-unika possibilita` li jifdal hija dik riferibbli ghall-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni.

Dan l-aspett jinsab regolat mill-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 li jiddisponi li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f'idejn il-Ministru u hija biss eccezzjonalment li tali rapprezentanza hija vestita mill-Ministru kkoncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ghandu jkun l-intimat u fil-fatt m'huwiex il-Ministru li huwa il-legittimu kontradittur, izda l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern.

Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz fid-9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali deciz fid-9 ta' Marzu 1999, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha deciz fit-28 ta' Ottubru 1999.
Ghalhekk tillibera lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

Jinghad ukoll illi l-kawza dwar l-aspett l-iehor u cioe`, tan-nuqqas ta' l-allokazzjoni ta' l-art fil-Qasam Industrijali giet istitwita kontra c-Chairman tal-Malta Development Corporation u ghal kull interess li jista' jkollu wkoll il-Ministru tas-Servizzi Ekonomici. Originarjament kienet istitiwita kontra l-Ministru responsabbli mill-Industrija. Issa effettivament fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-Ministru responsabbli mill-Industrija kien issolleva li hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante, li kwantu ghal dak li jirrigwarda l-materja li tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza u cioe`, l-allokazzjoni ta' l-art ghal skop industrijali, l-Malta Development Corporation hija korp guridiku imwaqqaf b'ligi u topera awtonomament u mhux suggetta ghall-ebda direttiva ministerjali.

Illi ghalhekk, hawnhekk ukoll fil-fatt ma gie ppruvat b'ebda involviment tal-Ministru responsabbli mill-Industrija jew sussegwentement, Ministru tas-Servizzi Ekonomici u ghal dawn il-motivi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Jibqa' issa li jigi ezaminat l-aspett ta' l-ilment tar-rikorrent dwar l-art ghal skop industrijali fil-konfront tal-Malta Development Corporation. Jirrizulta li r-rikorrent kien applika fl-4 ta' Dicembru 1985 ghal bicca raba' halli jkun jista' jibni workshop ta' mastrudaxxa u jezercita s-sengha tieghu ta' mastrudaxxa. Hu kien ircieva letter of intent fis-16 ta' Mejju 1987. Fil-fatt sallum ghadu ma giex moghti

ebda bicca art ghalkemm kien hallas id-depozitu ta' disa' u sittin lira kif jirrizulta mid-dokument A. Fil-fatt din il-letter of intent ma kenitx tispecifika liema art partikolari. Meta harget il-letter of intent jirrizulta ampjament car illi r-rikorrent kien qieghed jahdem bhala watchman mac-Centru Hidma Socjali.

L-intimat Chairman tal-Malta Development Corporation sostna li permezz ta' l-ittra tas-16 ta' Lulju 1987 u cioe` ta' xahrejn wara li fiha kienet harget il-letter of intent kien kiteb Dr Refalo fejn fost affarijiet ohra qal dan il-kliem li jirrizulta minn fol 141 tal-process illi:

"It is my client's wish, and also my own that the undertaking of a carpenter's workshop will be ventured at our joint expense. So if possible, please let us know whether such a proposal is acceptable to the MDC, in that Mr Said's original application should be amended in the sense that the land is going to be taken on empheytutinal concession by the said Mr Michael Said and myself, half each."

Izda xorta wahda fil-fatt l-intimat Chairman ta' MDC sostna lis-6 ta' Lulju 1994 inharget il-letter of intent fejn giet identifikata bicca art u cioe` Plots 20 u 21 Xewkija Industrial Estate, biex tigi koncessa b'enfitewsi temporanja favur Michael Said il-kundizzjoni li dan jimpjega hames haddiema full time fi zmien tlett snin minn meta jibda jopera kif ukoll ghall-kundizzjoni li nhargu l-permessi tal-bini ta' l-Awtoritajiet kompententi.

Irrizulta wkoll li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet iffrizat bhala *buffer zone* iz-zona residenzjali u l-Qasam Industrijali fix-Xewkija u r-rikorrent ma setax jibni dawn il-plots minhabba din id-decizzjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u mhux minhabba xi nuqqas imputabbli ghall-Malta Development Corporation.

Gara, skond l-intimat Chairman ta' l-MDC li l-istess MDC ma kenitx f'posizzjoni li toffri lir-rikorrent sit x'imkien iehor stante li rigward f'allokazzjoni tal-plots godda meta jkunu disponibbli wara jigu released mill-Planning Authority,

MDC tat priorita` in *bona fede trademen* li jahdmu full time u mhux part-time bhar-rikorrent. L-intimat fin-nota tieghu argumenta illi dan kien jirrizulta car mill-kundizzjoni tal-hames persuni li ghandhom jigu mpjegati minhabba l-fatt li ghalhekk wiehed kien jipprezumi illi bilfors illi l-persuna li lilha tinghata l-art trid tkun qeda tahdem hi stess a tempo pieno f'din l-intrapriza kummercjali biex tkun f'qaghda li tidderigi u tissorvelja lil dawn il-hamsa minn nies li kienu mpjegati mieghu. Infatti l-intimat irrefera wkoll ghall-fatt li xorta wahda kien prova jasal fi transazzjoni li tigi allokata Plot XQ8 Xewkija Industrial Estate lir-rikorrent purche dan jirrezenja mill-impjieg li kellu prezentement, izda stante illi r-rikorrent ma qabilx ma' din il-kundizzjoni, ma kienx hemm soluzzjoni ohra hlief li jieqaf il-process.

Izda minn naha l-ohra jirrizulta illi fil-fatt meta hargu l-letters of intent qatt ma giet imposta l-kundizzjoni li persuna li tkun ser tinghata l-art ghal skopijiet industrijali ma tistax tkompli tahdem mal-Gvern jew li trid, jekk tkun qed tahdem mal-Gvern tieqaf. Infatti rrizulta illi l-policy li din tidhol fil-letter of intent tigi inserita fil-letters of intent minn 1998. Tant kemm hu hekk li mix-xhieda ta' Emanuel Galea fl-affidavit tieghu jintqal il-kliem: "Fil-fatt fil-bidu tal-1998 il-Bord tad-Diretturi fformalizza din il-policy, kopja ta' liema decizjoni qeghda tigi annessa bhala Dokument D".

It-Tribunal irrifletta fit-tul fuq dan l-aspett ta' l-ilment tar-rikorrent ghax hija sitwazzjoni fejn hi assolutament tista' tirriferixxi ghaliha bhala wahda li taqta' fejn taqta' dejjem johrog id-demm. Zgur illi l-MDC qatt ma kien messa tohrog il-letter of intent qabel ma tara illi kollox huwa clear dwar il-bini u mhux tirrisskja illi l-Planning Authority tkun tista' twaqqafha minhabba l-bicca xoghol tal-*buffer zone*. Inoltre jekk stess jirrizulta car li ma kellhom jizdiedu kundizzjonijiet godda kawza tal-fatt sfortunat illi effettivament ir-rikorrent ma setax jigi allokat l-art in kwistjoni. Se mai jekk kien hemm dik il-problema l-kundizzjonijiet messhom baqghu l-istess u jekk l-MDC deherilha li ghandha tbiddel il-policy dan certament huwa apprezzat mit-Tribunal li l-MDC kienet qeghda taghmel dan ghall-ahjar ghax-xoghol taghha pero` xorta wahda ma kienx jintitola li tbiddel il-kundizzjonijiet ta' dak li kien gie

precedentement mahrug fil-letter of intent. Ezempju ta' dan jista' jkun fejn kien per ezempju gie finalizzat kuntratt precedentement imbaghad tinhareg policy gdida. Certament illi min kien jidhol taht il-policy l-gdida ma kienx ikollu l-istess kundizzjonijiet bhal qodma li pero` xorta wahda l-kundizzjonijiet ta' dawk in-nies li kienu lestew, iffirmaw il-kuntratt, ma kienux sejrin jigu mibdulin kawza ta' decizjoni li sussegwenti grat fl-1998.

Mill-provi jirrizulta li l-art industrijali kellha tkun fejn illum hemm topera l-kumpanija A F Ellis liema kumpanija l-MDC taghta hamest itmiem art industrijali. Kif ukoll giet koncessa bicca art ohra lil Axiaq Brothers u kawza ta' dan bata' r-rikorrent u persuni ohrajn. La ma kienx it-tort tar-rikorrent l-MDC ma kellha ebda dritt timponi kundizzjonijiet godda. Ir-rikorrent argumenta wkoll illi l-MDC ma kelliex timponi kundizzjoni fiz-zmien fl-eta` attwali tieghu meta r-rikorrent riesaq lejn il-pensjoni.

Ghalhekk it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tac-Chaiman Malta Development Corporation ihoss illi t-talba tar-rikorrent dwar nuqqas ta' allokazzjoni ta' bicca art in kwistjoni hija gustifikata. Izda peress li jhoss li f'dan il-kaz ha jkun hafna aktar idoneju rimedju ta' kumpens ghax illum ma tistax tigi allokata l-art bhala rimedju kumpensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens mic-Chairman Malta Development Corporation lir-rikorrent fl-ammont ta' erbat elef lira (Lm4000).

In kwantu ghall-ispejjez, dawk riferibbli ghat-talba kontra l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Ministru responsabbli mill-Industrija u Ministru tas-Servizzi Ekonomici huma karigu tar-rikorrent, waqt li dawk riferibbilment ghall-aspett tat-talba kontra c-Chairman Malta Development Corporation huma kontra l-istess Chairman Malta Development Corporation.